KUNSILL LOKALI NADUR

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## TMIEN (8) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Tnejn u Ħamsin (54)

## Il-Gimgħa, 12 ta’ Ottubru, 2018

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq it-Tramuntana, Nadur (Għawdex), fl-5:30pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

**SKUZATI:**

| | |
|---|---|
| Michael Camilleri | Kunsilliera |

**MINUTI**

Is-Sindku Edward Said ippresjeda l-laqgħa.

Il-laqgħa bdiet b’talba.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**54.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Kien hemm apoloġija waħda. Il-Kunsillier, Michael Camilleri informa lis-Segretarja li ma jistax jattendi. Dan ġie skużat minn dawk preżenti.

**54.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tat-Tlieta u Ħamsin (53) laqgħa tat-tnejn 10 ta' Settembru, 2018 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċjali.

**54.3. Komunikazzjoni mis-Sindku u mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

***Traffic Management Grunju***- Is-Sindku innota li dan sar minn TM u r-residenti kuntenti ħafna.

***Pink October***- Is-Sindku innota li illejla ser tiġi s-Sinjura Michelle Muscat fit-Torri ta' Kenuna minħabba l-Pink October. Is-Sindku innota li ma jistax jattendi minħabba li kellu tarbija.

***Attivita' fil- Librerija***- Is-Sindku innota li l-attivita' li kellha issir fit-22 ta' Settembru tal-crafts tħassret u ser issir oħra bil-kollaborazzjoni tal-HSBC fis-17 ta' Novembru,2018.

***Gieħ in-Nadur***- Is-Sindku innota li jidher li ser jitlesta l-progett tat-turf fil-ground u allura l-attivita' ta' Gieħ in-Nadur tista tkun mal-Opening tal-Ground ukoll. Kien hemm qbil fuq dan.

***Safra f'Napoli***- Is-Sindku innota li f'din is-safra gew milqugħa ħafna n-nies.

***VL pendenti tas-Segretarju Ezekuttiv għas-sena 2019***- Ġie spjegat li s-Segretarju Ezekuttiv kien għad fadlilha xi vaccation leave li minħabba impenji ta' xogħol mhux ser ikun ittieħed sa l-aħħar tas-sena. Fil-prezent kien għad fadlilha s-Segretarju Ezekuttiv 284.75 hours. Il-Kunsill qabel li l-Vacation leave għandu jizdied ma tas-sena d-dieħla.

**54.4. Korrispondenza.**

(6303) Minuti tal-laqgħa Ezekuttiv no.11- AKL

(6304) Ittra mingħand Persuna li kellu inċident fi Triq ta' kenuna

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

(6305) Ċirkulari no. 8/2018- Regolamenti dwar liskart tal-ippankkjar fil-Maniġġar tal-Iskart

(6306) Ittra mingħand Joseph Sammut- Kandidat tal-Elezzjonijiet għal Membri Parlamentari Ewropej 2019 rigward biex jiltaqa' mal-membri tal-Kunsill

(6307) Ċirculari AKL 2018/118- Team Up to Clean up- Foss ta' Ħaż-Żabbar

(6308) Ittra mingħand Parl. Sec for Local Government & Communities dwar Pink October schedule visit

(6309) Ċirkulari AKL 2018/067- Proċedura Stabbilita ta' kif Kunsill japplika għall-Bus shelter ġdid jew jirraporta ħsarat

(6310) Ċirkulari AKL 2018/117- CSR Day ġewwa Dar Papa Franġisku Birkirkara

(6311) Ċirkulari AKL 2018/112- Mental Health Ass.- Empowerment Course

(6312) Ittra mingħand ERA dwar ġbir ta' Skart tal-Borza l-ġriza u gbir mil-Bring in sites

(6313) Ċirkulari AKL 2018/111-E Skills Malta Foundation Citizen Focus Group

(6314) Ċirkulari AKL 2018/110- Press Conference – Inizjattiva Bżieżaq

(6315) POC 292/2018- Ċirkulari No. 8/2018- Concession Template

(6316) Ċirkulari AKL 2018/114- Ftehim Kollettiv Ħaddiema Klerikali- Salarji

(6317) Ċirkulari AKL 2018/113- Reġistrazzjoni għal M.S.c fil-Governanza u l-Immaniġjar

(6318) E mail mingħand id-DLG rigward trasferiment ta' assests- Monitors li mhux jintużaw fil-Ministeru għat-Transport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali

(6319) Ftehim ta' aċċettazzjoni: Skema ta' tagħlim u Proġetti Edukattivi fil-Komunita' mingħand DLG bl-ammont ta' €363 – Ċirkulari no. SPI 3/2018

(6320) E mail mingħand id-DLG dwar Battles's Over Guide October

(6321) Ċirkulari AKL 2018/115- Dikjarazzjoni mill-Kunsilli Lokali li ser jipparteċipaw fl-inizjattiva ta' kontra r-rilazzar tal-bżieżaq. Is-Segretarja innotat li fuq il-ftehim hemm miktub ukoll li ma jittajrux l-karti tal-plastic. Kien hemm qbil li jistennew li jsir addendum fuq il-ftehim fuq il-bziezaq biss inkella l-Kunsill tan-Nadur mhux ser jiffirma peress li l-Kunsill kien informat bil-bziezaq biss.

(6322) Ittra mingħand TVM dwar programm 'Wara Nofsinhar'

(6324) Ċirkulari no. SPI 11/2018- Ġbir ta' Informazzjoni dwar id-Devoluzzjoni ta' Siti u Propjeta' Pubblika lill-Kunsilli Lokali

(6325) Ċirkulari AKL 2018/085- Application Call: 2021 European Green Capital Award Competition.

(6326) E mail mingħand DLG ESPON open calls for tenders and list of upcoming events

(6327) E mail mingħand DLG dwar Invit fuq konferenza Internazzjonali.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**54.5. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.**

Is-Sindku ta update rigward is-sitwazzjoni finanzjarja lil Kunsilliera preżenti. Is-Sindku innota li l-insurance ta' Napli inġabret mingħand in-nies li marru u l-Kunsill ħallas lil kumpanija ta' Insurance. Dawn il-flus li inġabru gew depozitati fil-bank.

Is-Sindku innota li l-Vjaġġ ta' Poland ġie imħallas minn naħa tal-Kunsill u imbgħad nieħdu r-refund lura. Il-flus fuq l-iskema ta' parti minn triq il-Qortin bl-ammont ta' 10,000 euro daħħlu mingħand ir-Reġjun ta' Għawdex u kif ukoll it-Trench fuq l-allokazzjoni.

Kien hemm xi kontijiet li ma kienux fuq l-iskeda tal-pagamenti li ġew approvati. L-iskeda ta' pagamenti ġiet approvata minn dawk preżenti.

**54.6 Attivitajiet u Inizjattivi;**

***Halloween-*** Fuq din l-attivita' ippreparat kollox. Ser ikun hemm band wara 10:00pm, logħob għat-tfal, bonfire, pumpkin carving, saħħara u affarijiet ohra. Kien hemm qbil fuq dan.

***Nadur 8k-*** Is-Sindku innota li inxtraw minn barra midalji bl-artwork 3D design tat-Torri ta' Kenuna u ser ikollna refund il quddiem għalihom. Kien hemm qbil fuq dan.

***Ħarġa għall-Anzjani***- Is-Sindku innota li ser ikun hemm ħarga nħar il-Erbgħa fejn imorru l-Knisja ta' l-Għasri u wara ikla z-Zebbuġ, Għawdex. Kien hemm qbil fuq dan.

***Song Festival***- Kien hemm qbil li s-Song Festival 2018 isir bil-kolloborazzjoni tal-Kunsill.

***Attivitajiet tal-Milied 2018 (Kunċert u play tal-Milied)***- Kien hemm qbil li dawn isiru bil-kolloborazzjoni tal-Kunsill flimkien mal-MUSEUM (subien) bhal tas-sena l-oħra.

**54.7 Proġetti u Xogħolijiet;**

***Rural Roads-*** Is-Segretarja Eżekuttiva tat update fuq ir-Resurfacing ta' Xurdin. Din l-area tlestit kollha u jonqos biss il-parti ta' fejn sfrondiet it-triq.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

***Ground-*** Is-Sindku innota li ser jibda jitneħħa t-turf il-qadim mill-ħaddiema tal-Kunsill u CWS u anke isir ix-xogħol meħtieg ta' maintenance.

***Sement fi Triq il-Qortin-*** Is-Sindku innota li hemm bzonn titranga t-Triq il-Qortin fejn ma ingħatax tarmak bis-sement. Kien hemm qbil fuq dan.

**54.8 Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku**

Talba mingħand l-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri biex jinqata' l-ħaxix ta' Vnuta u isir ftit sement fejn ma sarx bit-tarmak. Kien hemm qbil fuq dan.

Talba mingħand il-familja Falzon għal-yellow lines fi Triq iz-Zerniq u talba oħra għal residenza Sunset fi Triq tad-Duru. Kien hemm qbil.

Talba biex titranga l-bankina fi Triq il-Mitħna l-Qadima. Kien hemm qbil fuq dan.

Is-Sindku innota li l-librara għanda żerżieqa ġdida mingħand persuna fejn lesta li tagħti l-Kunsill u jinxtraw kotba lil librerija bl-ammont ta' 100euro. Kien hemm qbil fuq dan u iz-zerzieqa tingħata lil skola tas-Sorijiet tan-Nadur.

Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar għamlet reminder rigward ittra lir-residenti fi Triq Grunju biex joħorgu ż-żibel fil-ġranet li suppost.

Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar issuġġerit li jkun tajjeb kieku isir tip ta' talks mingħand il-LESA lil anzjani tad-Day centre u kif ukoll ta' Dar Frangisk Grima.

**54.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa spiċċat fis-6:30p.m. Il-Kunsill qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn 12 ta' Novembru, 2018.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva